



L-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-UE tilħaq stadju importanti ġdid: il-progress qed jaċċellera?

Għaxar snin ilu, l-EIGE introduċa l-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri bħala indikatur għall-istatus quo tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-UE. Kull edizzjoni waslet bejn wieħed u ieħor għall-istess konklużjoni: il-progress huwa bil-mod ħafna. Madankollu, fl-edizzjoni ta' din is-sena naraw li **l-akbar qabża annwali fil-punteġġ globali fl-istorja tal-Indiċi li qatt kien hemm: l-UE tinsab 70,2 punt minn 100!**


Iżda bħal dejjem, taħt iċ-ċifri jkun hemm ħafna affarijiet li ma jidhrux – u l-istampa mhijjex ċara.

“Matul is-snin, l-UE għamlet progress lejn l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Iżda aħna konxji wkoll li dan mhuwiex biżżejjed, u l-kisbiet huma fraġli. Illum, hija biss l-iżvezja b'punteġġ oġġla minn 80 punt fl-Indiċi li qiegħda toqrob lejn l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. L-iżvezja tirrappreżenta biss 2 % tal-popolazzjoni tal-UE. Dejjem se jkun hemm skuża li tiddeprioritizza l-ħidma dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Ma nistgħux inħallu dan issew. Irridu naġixxu issa. Flimkien, – fil-livelli kollha. U jeħtieġ li niċċelebraw ir-rebħiet. Tkun xi tkun l-iskala. Huwa dak li se jżommna għaddejnin #3StepsForward.” Carlien Scheele, id-Direttur tal-EIGE

L-analiżi tal-Indiċi ta' 70,2 - għad baqa' ħafna x'isir

Il-pajjiżi bl-aqwa prestazzjoni bħall-iżvezja, in-Netherlands u d-Danimarka jibqgħu minn ta' quddiem fl-Indiċi – kif għamlu f'aktar minn għaxar snin.

Madankollu, jew il-progress tagħhom naqas, jew inkella sofrew tnaqqis fil-punti – kif naraw f'pajjiżi bħall-Finlandja jew Franza. Dan juri biċ-ċar li l-kisbiet ma jstgħux jittieħdu bħala fatt. Jeħtieġ li jkunu ankrati u appoġġati minn miżuri biex jinżamm il-progress.



Min-naħa l-oħra, naraw pajjiżi bħall-Italja, il-Portugall, u Malta li minkejja li kisbu punteġġ taħt il-medja tal-UE, għamlu titjib kbir fl-ugwaljanza bejn il-ġeneri f'dawn l-aħħar 10 snin, Għalhekk, meta l-pajjiżi jimplimentaw miżuri, il-pass fil-progress jirpilja.

Ħarsa aktar mill-qrib lejn il-bidla

Fir-rigward taż-żmien – il-kura mhux imħallsa għadha mhijjex uniformi bejn in-nisa u l-irġiel


Id-differenza bejn il-ġeneri fil-kura qed tonqos. Iżda mhux għax l-irġiel qed jerfgħu aktar responsabbiltà tax-xogħol tal-kura. In-nisa qed jagħmlu inqas. Teknoloġiji assistivi, servizzi ta' konsenja d-dar jew iż-żieda fl-għadd ta' impjegi tan-nisa setgħu kkontribwew għal din il-bidla. Iżda t-teknoloġija tista' biss tappoġġja xi bidliet billi jiġi esternalizzat porzjon mid-dmirijiet tal-kura. Il-bidla strutturali se tkun meħtieġa biex nagħmlu l-aħħar sforz – kif Claudia Goldin, professur tal-ekonomija u rebbieħa tal-Premju Nobel tal-2023, tgħid li “Qatt mhu se jkollna l-ugwaljanza bejn il-ġeneri qabel ma jkollna wkoll l-ekwità tal-koppji”.

Spinta għall-Poter – progress fuq il-bordijiet tal-kumpaniji, mhux daqstant fil-parlamenti nazzjonali

Għall-ewwel darba f'10 snin, l-għadd ta' nisa fil-parlamenti u nisa fuq il-bordijiet ikkonverġa għal 33 %.

Il-leġiżlazzjoni twitti t-triq għal bidla sinifikanti. Il-kwoti leġiżlati fi tmien Stati Membri tal-UE għenu sabiex jinkiseb bilanċ bejn il-ġeneri fil-kumpaniji, hekk kif raw aktar nisa fil-quċċata – u b'hekk wasslu għal aktar innovazzjoni, kreattività u produttività fil-bordijiet. Wieħed jittama li d-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn il-Ġeneri fil-Bordijiet Korporattivi – approvata s-sena l-oħra – iżżomm il-momentum u jkollha effett kollaterali fuq Stati Membri oħra tal-UE.


Issa, neħtieġu azzjoni aktar immirata fil-parlamenti biex inħaffu l-progress fl-isfera politika - speċjalment bl-elezzjonijiet Parlamentari Ewropej fl-2024.



Ix-Xogħol Li Jrid Isir – is-segregazzjoni tal-ġeneri fis-suq tax-xogħol ma ċċaqalqitx pulzier

Sar progress fil-qasam tax-xogħol, b'mod partikolari fir-rigward ta' opportunitajiet ta' xogħol flessibbli. Iżda huwa impressjonanti li s-suq tax-xogħol għadu ssegreat bħala ġeneru llum daqs kemm kien 10 snin ilu.

Hekk kif it-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika qed tieġu forma, qed jinħolqu aktar u aktar impjiegi ġodda - li jeħtieġu taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet biex jiġu ssodisfatti domandi ġodda u li qed jevolvu fis-suq tax-xogħol. In-nisa mhumiex involuti daqs kemm jistgħu jkunu. Huma bil-mod il-mod qed ilaħħqu mad-domandi tax-xogħol fit-teknoloġija xjentifika, l-inġinerija u l-matematika (STEM), iżda s-sehem tal-irġiel fl-okkupazzjonijiet tal-edukazzjoni, is-saħħa u l-benesseri (EHW) huwa ffriżat. It-tranżizzjoni ekoloġika mhux biss se toħloq id-domanda għal ħiliet STEM, iżda se toħloq ukoll domandi ġodda fis-settur tal-kura fejn hemm nuqqas ta' persuni.



Għadna 'l bogħod milli nilħqu l-għan aħħari tagħna?

L-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri ta' din is-sena juri li l-progress huwa possibbli, iżda jibqa' fraġli meta ma jkunx appoġġjat minn azzjonijiet fl-oqsma kollha tal-ħajja, fl-Istati Membri kollha tal-UE. Ix-xogħol hawnhekk mhux qed isir. Jeħtieġ li nagħmlu aktar. Biex tavvanza irid ikollok perspettiva intersezzjonali –

speċjalment fit-tibdil fil-klima fejn id-disparitajiet bejn il-ġeneri huma esperjenzati minn individwi u gruppi differenti. L-għarfien iwassal għal bidla.

Aqra aktar dwar l-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri hawnhekk. [link: <https://eige.europa.eu/gender-equality-index>]

Aqra r-rapport tal-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2023 hawnhekk [link: <https://eige.europa.eu/publications-resources/publications/gender-equality-index-2023-towards-green-transition-transport-and-energy>]

Aqra aktar dwar il-fokus tal-EIGE fuq it-teħid ta' #3StepsForward għal Ewropa tekoloġika u ugwali bejn il-ġeneri hawnhekk.

[<https://eige.europa.eu/newsroom/green-deal-and-gender-equality>]

Aċċessa l-profilu tal-pajjiżi hawnhekk [link:

[<https://eige.europa.eu/sites/default/files/2023countryfactsheets.zip>]